MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 2/2014

**Ranger Limited (C10316)**

**vs**

**Filliberti Design Stone SRL**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Ranger Limited, li in forza tieghu, wara li gie premess illi:

Ir-rikorrenti ppresta servizzi ta' kera ta' ingenji lis-socjeta' intimata fuq mhedda ta' xhur u inhargu diversi fatturi li ma thallsux;

L-ammont dovut huwa fl-ammont ta' erbgha u erbghin elf, erba' mija u tliet ewro u erbghin centezmu (€44,403.40);

Il-konvenut baqa' jirrifjuta li jhallas l-istess ammont nonostante li kien sarlu diversi interpellanzi;

Jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur tal-artiklu 167-170 tal-Kap. 12 tal-Kodici Civili ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ta' malta billi d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba tal-hlas tal-istess dejn u l-attur qieghed jannetti ma' dan l-att, affidavit skont l-artiklu fuq imsemmija.

Talbet is-socjeta' konvenuta tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddeciedi skont it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skont l-artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' erbgha u erbghin elf, erba' mija u tliet ewro u erbghin centezmu (€44,403.40) rapprezentanti hlasijiet ta' kera ta' ingenji mitluba mis-socjeta' intimata fuq struzzjonijiet taghha u li gew suppliti lilha mis-socjeta' rikorrenti, liema ammont ghadu ma thallasx.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kontra l-istess socjeta' konvenuta li minn issa huma ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li ghalkemm debitament notifikata, is-socjeta' intimata ma dehritx ghall-kawza.

Semghet ix-xhud Godwin Mifsud.

Rat li t-talba tas-socjeta' rikorrenti hija pruvata u jisthoqqilha tintlaqa'.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba; tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lil Ranger Limited is-somma ta'

erbgha u erbghin elf, erba' mija u tliet ewro u erbghin centezmu (€44,403.40), bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Filliberti Design Stone SRL.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------